MALTA

ATT Nru. XI ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

ACT No. XI of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Central Bank of Malta Act, 1967.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

5 ta' April, 1988

ATT Nru. XI ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, minbarra dan l-artikolu u l-artikolu 8, għandu jidħol fis-seħħ minn dik id-data li l-Ministru jista' jiffissa b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk iffissati dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' l-Att.

(3) L-artikolu 8 ta' dan l-Att għandu jitqies li daħal fis-seħħ fit-12 ta' Mejju, 1987.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali t-tifsira ta' "Fond għall-Posterità" għandha titħassar.

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "jista' jiftaħ fergħat f'Malta" għandhom jidħlu l-kliem "jista' jiftaħ fergħat f'Malta u barra minn Malta".

Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fis-servizz pensjonabbli tal-Bank" għandhom jidħlu l-kliem "fis-servizz tal-Bank";

(b) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Fil-każ ta' assenza temporanja tant tal-Gvernatur kemm tad-Deputat Gvernatur, il-President, fuq il-parir tal-Prim Ministru, għandu jinnomina direttur jew uffiċjal anzjan tal-Bank biex jaġixxi ta' Gvernatur matul dak il-perijodu ta' assenza."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-paragrafu (ċ) tal-proviso tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) isir *chairman* jew direttur ta' xi korp magħqud f'Malta speċifikat taħt il-paragrafu (ħ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) jixtri jew ibiegħ muniti tad-deheb jew tal-fidda jew deheb, fidda jew metall ieħor prezzjuż f'forma ta' ingotti jew f'kull forma oħra fid-diskrezzjoni tal-Bank, iżda

(i) l-Bank għandu jagħmel ħiltu li jkollu bħala parti mir-riżerva ta' attiv estern tiegħu taħt l-artikolu 19 ta' dan l-Att ammont minimu ta' 500,000 uqija *troy* f'ingotti tad-deheb jew dak l-ammont minimu li l-Ministru, jista', fuq rakkomandazzjoni tal-Bord, jiffissa b'avviż fil-Gazzetta, u

(ii) meta l-Bank iżomm ingotti tad-deheb in eċċess ta' l-ammont minimu stipulat fis-subparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu, jista' jinnegozja dan l-eċċess hekk kif jidhirlu xieraq, iżda jekk ikollu inqas ingotti tad-deheb mill-minimu msemmi l-Bank jista' jbiegħ biss bi prezz li ma jkunx inqas mill-prezz li bih ikun stmat fi tmiem is-sena finanzjarja li tiġi minnufih qabel il-bejgħ u r-rikavat ta' dak il-bejgħ għandu jitqiegħed f'akkont separat li għandu jintuża biss għax-xiri ta' ingotti tad-deheb;"; u

(b) is-subartikoli (2), (3) u (4) għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "ħlief kif provdut fl-artikolu 26 ta' dan l-Att," għandhom jidħlu l-kliem "ħlief kif provdut fil-paragrafu (k) ta' dan l-artikolu u fl-artikolu 26 ta' dan l-Att,";

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu, wara l-kliem "ta' dan l-artikolu" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew tal-paragrafu (n) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 19"; u

(ċ) wara l-paragrafu (j) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(k) jikkonċedi lil jew jippermetti li jibqa' pendenti għar-rigward ta' xi wieħed mill-impjegati tiegħu avvanzi li ma jkunux assikurati jew faċilitajiet ta' kreditu li ma jkunux assikurati li lkoll flimkien ikunu jeċċedu l-qliegħ ta' tnax-il xahar ta' dawk l-impjegati.".

Emenda ta' l-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali.

7. L-artikolu 19 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Stock Exchange stabbilit." għandhom jidħlu l-kliem "Stock Exchange stabbilit u proprjetà immobbli li tinsab barra minn Malta.";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, wara l-paragrafu (m), għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(n) proprjetà immobbli li tinsab barra minn Malta, li tkun tikkonsisti f'fondi kummerċjali jew residenzjali jew jeddijiet fuqhom, għall-kiri jew bejgħ eventwali hekk kif il-Bord jista' jqis li jkun xieraq."; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (5), għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Il-valur totali ta' l-attiv miżmum taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (n) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandu f'ebda każ ikun iżjed minn tnejn u nofs filmija tal-valur totali tar-riżervi esterni tal-Bank.".

Tħassir ta' l-artikolu 19A ta' l-Att prinċipali.

8. L-artikolu 19A ta' l-Att prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali.

9. Fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 22 ta' l-Att prinċipali l-kliem "flimkien mal-kontijiet tal-Fond għall-Posterità li għandhom jitqiegħdu magħhom quddiem il-Kamra skond is-subartikolu (6) ta' l-artikolu 28A ta' dan l-Att," għandhom jitħassru.

Emenda ta' l-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali.

10. L-artikolu 23 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, wara l-kelma *"commodities,"* għandhom jiżdiedu l-kliem "proprjetà immobbli li tinsab barra minn Malta,"; u

(b) minflok il-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jidħlu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(a) b'seħħ mis-sena finanzjarja 1985 sa u inkluża s-sena finanzjarja 1987, dik il-porzjoni tiegħu, li ma tkunx inqas minn ħamsa fil-mija, kif il-Ministru jista' jiddeċiedi, lill-Fond għall-Posterità, u l-bilanċ ta' dawk il-profitti, lill-Gvern; u

(b) b'seħħ mis-sena finanzjarja 1988, kollu kemm hu lill-Gvern.".

Revoka ta' l-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali.

11. (1) Bla ħsara tas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, l-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali għandu jiġi revokat.

(2) Minkejja r-revoka ta' l-artikolu 28A ta' l-Att prinċipali, il-Fond għall-Posterità għandu jibqa' jeżisti iżda għandu jiġi xjolt minn data li ma tkunx iktar tard mit-30 ta Ġunju, 1988, u li tkun speċifikata mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.

(3) Fid-data li tiġi hekk speċifikata mill-Ministru l-attiv kollu, il-passiv kollu u l-profitti netti tal-Fond għall-Posterità sa dik id-data għandhom jiġu trasferiti lill-Gvern u mgħoddijin lill-Fond Konsolidat u l-jeddijiet u l-obbligi kollha tal-Fond għandhom jiġu vestiti fil-Gvern.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-tmexxija, kontroll u amministrazzjoni tal-Fond għall-Posterità għandhom jitqiesu li ġew vestiti fil-Bank mit-12 ta' Mejju, 1987, sad-data speċifikata mill-Ministru kif provdut taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u kull ma jkun sar mill-Bank fit-tmexxija, kontroll u amministrazzjoni ta' dak il-Fond kif imsemmi qabel matul dak il-perijodu msemmi għandu jitqies li jkun sar taħt l-awtorità ta' dan l-artikolu.

(5) Il-Bank għandu jkun responsabbli għax-xoljiment tal-Fond għall-Posterità u sabiex jifformula kontijiet verifikati ta' dak il-Fond għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 1987 u għall-perijodu mill-1 ta' Jannar, 1988 sad-data speċifikata mill-Ministru taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(6) Il-Bank għandu kemm jista' jkun malajr iżda mhux iktar tard minn sitt xhur wara li l-kontijiet verifikati tal-Fond għall-Posterità jkunu ġew finalizzati kif provdut taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, jibgħat lill-Ministru kopja ta' dawk il-kontijiet verifikati u l-Ministru għandu jara li dik il-kopja titqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati u li tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

Emenda ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali.

12. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 40 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-biljetti tal-flus maħruġa mill-Bank ikunu f'dawk id-denominazzjonijiet, u ta' dawk il-forom u disinji, kif jiġu approvati mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bank:

Iżda mill-1 ta' April, 1988, id-disinji ma għandhomx jirraffiguraw lil ebda persuna, sew bħala tema prinċipali jew mod ieħor, li tkun għadha ħajja fiż-żmien meta tingħata l-approvazzjoni tal-Ministru.".

Emenda ta' l-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali.

13. L-artikolu 41 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-muniti maħruġa mill-Bank ikunu ta' dawk id-denominazzjonijiet, u f'dawk il-forom u disinji, kif jiġi approvat mill-Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bank:

Iżda mill-1 ta' April, 1988, id-disinji ma għandhomx jirraffiguraw lil ebda persuna, sew bħala tema prinċipali jew mod ieħor, li tkun għadha ħajja fiż-żmien meta tingħata l-approvazzjoni tal-Ministru.";

(b) is-subartikoli (7) u (8) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid subartikoli (8) u (9) rispettivament; u

(ċ) minflok is-subartikolu (6) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(6) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-Bank ikollu s-setgħa, wara li jingħata avviż xieraq mill-Ministru fil-Gazzetta, li jiġbor kull munita li tkun ta' valuta legali korrenti bil-ħlas tal-valur nominali tagħha u kull munita tali, malli jiskadi l-perijodu msemmi fl-avviż, tispiċċa milli tkun valuta legali iżda, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) u (9) ta' dan l-artikolu u sakemm jiskadu sentejn wara t-tmiem tal-perijodu msemmi qabel għandha tinfeda mill-Bank fuq talba b'kemm tiswa u mingħajr spiża."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) Wara li jgħaddu sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu msemmi fl-avviż li jkun qiegħed jirrikjama kull munita taħt is-subartikolu 6 ta' dan l-artikolu, kull munita hekk rikjamata iżda li ma tiġix preżentata għall-fidwa ma għandhiex tibqa' tingħadd fil-passiv monetarju tal-Bank u —

(a) il-valur ta' dawk il-muniti għandu jiżdied mal-profitti tal-Bank għas-sena finanzjarja li matulha l-imsemmi perijodu ta' sitt xhur jiskadi; u

(b) il-fidwa ta' kull munita wara dak iż-żmien ikun nefqa fuq il-kont ta' profitti u telf tal-Bank għas-sena li jkunu nfdew fihom.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 88 tat-30 ta' Marzu, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.